**ĦAL TARXIEN**

# MINUTI

## GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 80/07**
It-Tnejn 26 ta' Marzu 2018 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *WASAL 6.30PM* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
80.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
80.5 Rapporti;
80.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 65/07;
80.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
80.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
80.9 Mozzjonijiet;
80.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 80.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. Ittri ta' Apoloġija

## 80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Kunsillier Frans Agius TALAB BIEX f'paragrafu 79.3 numru xxii. Jiżdiedu l-kliem u tiġi taqra *xxii.Fir-rigward tal-kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Domestiku, s-Sindku qal li bħalissa bħala AKL kienu qed jiddiskutu dan u kien hemm suġġeriment li jibda jinġabar mid-9am 'l quddiem. Il-Kunsillier Frans Agius issuġerixxa li anke forsi nibdlu r-rotta tal-gbir biex mit-toroq prinċipali l-iskart jiġabar f'ħin meta jonqos xi ftit it-traffiku. Ġie ssuġġerit li tiżdied klawsola li jekk jkun hemm xi ħaġa fil-liġi trid tidħol in kunsiderazzjoni fit-tender.*

**i.i** Il-Kunsill unanimament qabel li jiżdiedu l-kliem hekk kif issuġġerit mill-Kunsillier Sur Frans Agius.

**ii.** Il-Minuti Nru. 79/2018 tal-Erbgħa 21 ta' Frar 2018 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, dan kien għadu kollox hekk kif kien irraporta fl-aħħar laqgħat. Sadanittant is-Sindku qal li l-iktar problema kienet biex nagħmlu kuntatt mal-perit tal-Kunsill biex nerġgħu nduru l-kontijiet.. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

**i.ii** Is-Sindku qal li fir-rigward tal-problema ta' tħaffir fi Triq Dun Karm Sant minn dan l-istess Kuntrattur, kien lest bi traffic management b'kollox. Vella Group – Triq DunKarm Sant

**ii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara min kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows. Żied jgħid is-Sindku li dan wara li qed jintbgħatu r-reminders lill-istess Sur Tony Cassar Turf tal-ground 5 aside

**ii.i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li partikolarment mis-saqaf tal-Berġa qed jidħol l-ilma u għamel ħsara anke fid-dawl u qata is-servizz tal-elettriku. Għaldaqstant is-servizz tat-tabib mill-Berġa kien ukoll sospiż sakemm isir ix-xogħol neċessarju. Il-problema kienet ukoll estiża sa fuq is-saqaf tad-dressing rooms u tal-garaxx.Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ewwel xogħol li kellna nibdew kien li jerġa jsir l-membrane. Żied jispjega li kien qed jiġbor il-kwotazzjonijiet sabiex isir il-liquid membrane u li min indikazzjoni li kellu kienu jammontaw għal madwar €5000. Infiltrazzjoni ta' ilma mis-soqfa tal-berġa, dressing rooms u garaxx

**ii.i.i** Il-Kunsill unanimament qabel li jinġabru l-kwotazzjonijiet u li tintgħażel l-irħas offerta għal-liquid membrane u li mmexxu bix-xogħol u mingħajr il-bżonn li jistennew li ssir laqgħa oħra u dan sabiex ma jiqbax isir ħsara fis-soqfa Kwotazzjonijiet – Liquid membrane

**ii.ii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għad qed nistennew il-parir tal-avukat grawnd 5 Aside

fuq dan il-każ ta' kif stajna mmexxu u nieħdu dak li hu ħaqna.

iii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-fondi tal-UIF kienu waslu u ġew iddepożitati. Tender toroq

iii.i Is-Sindku qal ukoll li diga konna tlabna WSC biex issir l-Letter of Acceptance għal Triq Dejma. Kontijiet pendenti Perit Mintoff

iv. Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tat-toroq Paola u Santa Marija, kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti pero hu kien iltaqa' mal-Ministru u reġa fakkru fuqha. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

v. Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kien ingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq, peress li issa d-Dipt. Gvern Lokali kien għadda l-flus għand ir-Reġjun Xlokk, konna għadna qed nistennew li ssir il-laqgħa mad-Direttur Ġenerali. Inizjattiva €100,000 kull Reġjun

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt mal-Green MT kien wasal biex jiskadi għaldaqstant konna ser nibgħatu liż-żewġ operaturi biex jibgħatulna l-offerti tagħhom. Espressjoni ta' Interess miż-żewġ Operaturi.

Il-Kunsill unanimamnet qabel li jsir hekk.

vii. Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

vii.i Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat fil-laqgħa preċedenti dwar il-bus shelter ta' Triq Palma. Żied jgħid li l-AKL kienet bgħatet ir-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar din il-materja. Bus Shelter Triq Palma

ix. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li bħalissa kienet għaddejja riforma fejn jirrigwardja lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali. Qal li kien ġie maħtur Kumitat u kull min ried mill-Kunsilli kien seta jidħol f'dan il-kumitat. Sadanittant anke l-AKL kienet bgħatet formoli/questionnaire fuq kull ħaddiem biex jindika x'tip ta' xogħol kien jagħmel mal-Kunsill. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wieħed mill-ħaddiema assenjati magħan kien offra li jibda jieħu ħsieb il-latrina. Latrina Pubblika

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna li s-Sur Dennis Calleja jirkupra saħħtu qabel ma jkellmu ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li konna ktibna lill-Kummissjoni hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti, konna għadna konna rċevejna biss li l-Kumm. Elettorali kienet ser tagħmel site inspection fir-rigward tal-binja li kienet qed tiġi allokata ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

xiii. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' madwar €22,000 bħala fondi li kien għad fadallu jieħu tal-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture* jidher li fl-aħħar konna wasalna għaliex kienet waslet konferma li ġew approvati li jitħallsu lilna. Proġett ERDF213

**xiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ipproċeċċessar tat-tender għax-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass, li din kienet għalqet u kienu daħlu ħames offerti li tnejn minnhom kienu xorta jiġifieri 4 kienu effettivament l-offerti, żied jispjega s-Sindku li ma tantx kien sar avvanz. Hawnhekk is-Seg. Eżek. żiedet tispjega li bħala membri fil-Bord ta' Evalwazzjoni kellu jkun hemm is-Sindku bħala Chairman mingħajr dritt ta' vot, is-Segretarju Eżekttiv mingħajr dritt ta' vot flimkien ma' Avukat, Accountant, u -Persuna Teknika li dawn it-tlieta kollha jkollhom dritt għall-vot. Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari'. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li għalissa l-Kunsill kellu jistenna l-eżietu tat-tender li l-MPT kienet ħarġet. L-ISTESS Bus Shelter – Triq Tarxien

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bankijiet, kienu LESTI u l-mastrudaxxa kien ser iwaħħalhom wara pageant tal-Passjoni li kineet ser tittella 26 u 27 ta' Marzu 2018 fil-pjazza tal-knisja. Inċident fil-Pjazza quddiem il-knisja parrokkjali

**xvi.i** Is-Sindku talab lill-Kunsillier Ismael Dalli sabiex jirraporta dwar l-applikazzjoni għall-bike racks fir-raħal. Il-Kunsillier Dalli qal li kienet kellmitu persuna mill-Ministeru tal-Finanzi fejn infurmatu li bażikament ma kienux aċċettaw l-ewwel applikazzjoni. Qal ukoll li għaldaqstant kien kellu jġib kwotazzjoni għal tip ieħor. Bicycle Racks

**xvi.ii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba tal-Kunsillier Frans Agius fil-laqgħa preċedenti sabiex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji, din l-ittra kienet intbgħatet pero ma kienx għad kellna risposta. Ġie ukoll deċiż li jittieħdu ritratti u jerġgħu jintbgħatu mar-reminder. Jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji

**xvi.iii** Fir-rigward tal-kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Domestiku, s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed jiġi ppreparat id-dokument tal-offerti. Skart Domestiku

**xvi.iv** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook u li din il-kawża kienet reġgħet ġiet differita. Kawża l-Qorti

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill sabiex Triq Dun Gwann Mamo tiġi *one way* kienet ġiet approvata mit- TM. Is-Sindku qal li għaldaqstant kienu ser jiġu ordnati t-tabelli neċessarji. Triq Dun Gwann Mamo tiġi *one way*

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fi 18:30*

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna diversi talbiet mingħand it-TM :-

- RESERVED Parking Bay – 72, Triq Sta Marija
- KEEP CLEAR Bay – Blk. C, Maisonette 1, Tarxien Temple Court, Triq Dun Karm Sant;
- KEEP CLEAR Bay – 153, St Anna, Triq id-Dejma
- DOUBLE YELLOW LINE, Garaxxijiet numru 90 u 94 Triq Dejma;
- Għeluq ta' Triq il-Karmnu, bejn is-1:15 pm u 1:45pm , il-ħin ta' ħruġ tat-tfal mill-iskola Immaculate Conception;
- DOUBLE YELLOW LINE, Garaxxijiet numru 13 u 15 Triq id-Dar Tal-Kejka.

**xviii.i** Il-Kunsill iddiskuta kull każ u ma sabx oġġezzjoni li kull waħda minn dawn it-talbiet jiġu milqugħa.

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand l-iskola St Cecilia Kindergarten sabiex jinbidlu l-ħinijiet u jiġu jaqraw :- Ħinijiet Sta Cecilia Kindergarten

- Triq Guze D'Amato – 7:15am sa 8:45am u 12:45pm sa 16:15
- Triq Napuljun Caruana Dingli – 8:15am sa 8:45am u 12:45 sa 13:15pm

**xix.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li l-ħinijiet jinbidlu u jiżdiedu kif mitlub.

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand id-Diviżjoni Gvern Lokali, permezz tal-Uffiċċju responsabbli mill-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali, fejn dawn kienu qed jaħdmu flimkien ma' entitajiet Governattivi oħra fuq proġett taħt il-Programm LIFE+ li permezz tiegħu l-Kunsilli setgħu juri l-interess tagħhom sabiex kienu setgħu jinxtraw jew jinkrew vetturi elettriċi jew hybrid. Ma kull vettura kienu qed jitolbu wkoll li tinxtara *recharging station*. Proposta Life+

**xx.i** Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u unanimamentt qabel li nissottomettu l-proposta tagħna sabiex jinxtara vann hybrid għall-ġarr tal-materjal u għodda.

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt mal-Operatur GREEN MT kien wasal biex jiskadi għaldaqstant il-Kunsill unanimament qabel li mmexxu bil-proċedura neċessarja sabiex nitolbu Espressjoni ta' Interess mingħand iż-żewġ operaturi lokali. Kuntratt GREEN MT

**xxii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet petizzjoni mingħand ir-residenti ta' Triq San Anard sabiex jitolbu li jsir aktar dawl man-naħa tas-service road fl-istess. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill qabel li din it-talba tgħaddi lill-Enemalta.

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet daħal ilment/suġġeriment sabiex fi Triq Marjanu Gerada mad-daħla ta' garaxxijiet ma jsirx parking u mal-bini tal-faċċata ssir mera sabiex b'hekk wieħed ikun jista' jara l-vetturi li jkunu ġejjin. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill qabel unanimament.

## 80.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**i.** Il-Kunsillier Frans Agius nforma lill-Kunsill li kienet waslet proposta mingħand it-TCTC sabiex dan is-sajf isiru żewġ korsijiet wieħed ta' Coding u u ta' Robotica u għal dawn il-korsijiet il-Kunsill kellu jħallas is-somma ta' €2000 ta' tnejn f'daqqa minfloka €1150 kull wieħed. Il- Kunsill unanimament qabel li l-Kunsill japplika għaż-żewġ korsijiet u jiġu offruti lil studenti Tarxiniżi ġewwa t-TCTC Paola. ROBOTICA

## 80.5 Rapporti

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**80.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.64/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**80.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**80.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**80.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**80.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7:30PM.

**ii.** Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tlieta 17 ta' April 2018 fil-5.30pm.

*(IFFIRMATA)*
________________________
**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

*(IFFIRMATA)*
________________________
**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**